MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2013

Numru. 399/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Leonardo De Jesus Sastre Palacios**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Leonardo De Jesus Sastre Palacios, ta' dsatax (19)-il sena, iben Pablo u Ana Palacios, imwieled Bogota, Colombia nhar it-3 ta' Marzu 1994 PSJE. Paz De Espana 8, Miraflores De La Sierra, Madrid, Karta ta' l-Identita Spanjola numru. ANX130144

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil- lejl bejn il- 21 u t- 22 ta' Lulju 2013 u fil-granet ta' qabel**:**

Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-sub-artikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza ghandha tinstema’ minn din il-Qorti  bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u senjatament li l-piena massima kienet ta’ sena prigunerija u/jew multa, u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, u li ma jirrizultax li l-imputat kien ikkommetta xi reat iehor qabel dan fix-xaharejn li ilu Malta;

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal multa ta’ hames mitt Euro (€500.00).

Il-Qorti tordna li d-droga ezebita tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------